MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Numru. 1129/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**DANIEL SCHEMBRI**

Il- Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Daniel Schembri ta’ 19 il-sena bin John u Angela nee’ Hili imwieled Pieta', fid-9 t’Awissu, 1993 u joqghod 69, Saghtar, Triq il-Falkunier, Fgura detentur tal-karta tal-identita' b'numru 356493M

Gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew

maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe' fil-21 ta' Settembru, 2012 ghal habta ta' 11am u/jew hinijiet wara gewwa LIDL Supermarket li jinsab li Triq il-Karmnu Hal-Luqa u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' BOV Cashlink propjeta' ta' Joseph Scicluna minn rahal Gdid u/jew persuni ohra liema serq hu aggravat bil-persuna..

U aktar talli fil-21 ta' Settembru 2012 gewwa s-supermarket LIDL f'Hal-Luqa, u li-stabbilimenti Visual Sound u Terranova li jinsabu fil Kumpless ta' Bay Street San Giljan u/jew f'dawn il-gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza jew ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama' jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' madwar 176 ewro ghad-dannu ta' Joseph Scicluna minn Rahal gdid u/jew persini ohra.
U aktar talli fl-istess cirkustanzi ghamel qliegh iehor b'qerq cioe' il-qliegh ta' madwar 176 ewro ghad-dannu ta' Joseph Scicluna minn Rahal gdid u/jew persunii ohra.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi iffalsifika cedula, polza ordni jew dokumenti ohra u cioe' dokumenti ta' Visual Sound u Terranova li jinsabu fil Kumpless ta' Bay Street San Giljan illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew tigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku u aktar talli ghamel uzu milli-istess karta msemmija ghad-detriment ta' Joseph Scicluna minn Rahal Gdid u/jew persuni ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SZ3 u nnutat li l-imputat Daniel Schembri m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u inoltre iddikjara li l-imputat ghamel tajjeb ghad-danni sofferti mill-parte civile.

Rat l-artikoli 17, 18, 261(d), 268, 281(a), 308, 309 u 167 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Daniel Schembri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat Daniel Schembri taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.
Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Daniel Schembri l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------